MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 9/2009

**Ian Xuereb**

**vs**

**Maltapost plc**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Frar, 2009, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"**1. Introduzzjoni**

Dan il-Kaz kien intavolat permezz ta' rikors maghmul fid-9 ta' Lulju 2008 mill-Avukat Aron Mifsud Bonnici f' isem Ian Xuereb li fih gie allegat li dan kien gie licenzjat illegalment minn mal-Kumpanija Maltapost plc. Il-Kumpanija li kienet rapprezentata minn Stefania Camilleri, *Human Resouces Manager,* assistita mill-Avukat Andrew

Borg Cardona tinnega dan. L-Appellant kien assistit mill-Avukat Philip Galea Farrugia.

Inzammu sitt seduti.

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jinghad li minhabba nuqqas infrastrutturali li jrid ihabbat wiccu maghhom it-Tribunal ma kienx possibbli li l-kaz jinqata' fi zmien xahar kif preskritt mill-istess Kap.

**2. Fatti tal-Kaz**

Il-Kumpanija Maltapost plc fit-2 ta' Gunju 2008 illicenzjat lil Ian Xuereb, *Postal Operator,* b'effett mill-31 ta' Mejju 2008 wara li kiteb ittra b'isem fittizju intiza biex allegatament jitfa 'l *management* f’dawl ikrah. L-Appellant jghid illi kemm il-darba ressaq ilment mas-superjuri tieghu li fl-ufficcju fejn kien jahdem kien hemm persuna li kienet illitterata u kull meta huwa kien ikun nieqes hu dan ma setghax jaqdi lill-klijenti ghaliex ma kienx jaf jikteb u jaqra. Meta ra li l-isforzi tieghu ma taw l-ebda rizultat iddecieda li jikteb ittra lic-*Chairman* f’ isem persuna fittizja li taparsi kienet klijent li ma nqediex.

**<u>3. Konsiderazzjonijiet</u>**

Dan huwa kaz rari fejn il-fatti jaqblu maghhom iz-zewg nahat u ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar dak li gara. Fil-fatt waqt l-investigazzjonijiet li saru wara li c-*Chairman* ircieva l-ittra l-Appellant ammetta li kien fil-fatt kitibha hu. L-ittra li baghat kienet tghid bazikament li l-kittieb (li kienet persuna fittizja) kien mar biex jinqeda' u sab lill-impjegat li ma qdiehx u kellu jistenna sakemm wasal Ian Xuereb li qdieh mill-ewwel u skuza ruhu mieghu.

Ma hemmx dubju li mpjegat li jikteb ittra mhux anonima izda f’ isem persuna fittizja lill-

*Management* tieghu u jaghti lok ghal investigazzjoni li swiet lill-Kumpanija Appellata zmien prezzjuz u anke forsi xi inkwiet intern ikun ghamel infrazzjoni serja. Il-kontenut ta' l-ittra mhux daqshekk importanti ghaliex mill-provi rrizulta li l-impjegat indikat mill-Appellant verament kien illitterat u xi verita kien hemm ukoll dwar nuqqasijiet da parti ta' dan l-impjegat kif gie rivelat minn affidavit li ghamel certu Andre Falzon (Dok IX a). Il-punt li ried jiddecidi fuqu t-Tribunal huwa dwar il-fatt li nkitbet l-ittra.

Kienet gravi bizzejjed l-infrazzjoni ta' l-Appellant biex jinghata s-sanzjoni estrema ta' licenzjament? L-Appellant mmotiva l-azzjoni tieghu bil-fatt li ried jirranga l-affarijiet ghaliex ma kienx jiflah iktar sitwazzjoni fejn meta jkun nieqes hu certu xoghol ma jistax isir minhabba l-illitterizmu ta' siehbu. Jghid li kemm il-darba kellem lis-superjuri tieghu dwar dan u meta qata' qalbu ghal kollox li jissewwew l-affarijiet deherlu li ittra lic-*Chairman* setghet tirranga l-affarijiet. Wara li bdew l-investigazzjonijiet ikkonfessa wahdu, minghajr pressjoni ta' hadd li kien hu l-awtur ta' dik l-ittra. Jidher ukoll illi huwa kellu *record* impekkabbli ta` tanx-il sena mal-Maltapost u kien sahansitra gieli juza l-vettura tieghu meta ma kienitx disponibbli dik tal-Kumpanija biex jaqdi d-doveri li jaqghu taht il-mansjonijiet tieghu. Kien hemm ukoll okkazjoni fil-passat meta s-*CEO* precedenti kien kitiblu f' isem *ic-Chairman* u l-*Board* biex jirringrazzjawh tax-xoghol siewi li kien wettaq waqt kwistjoni industrijali fejn qallu *"your sense of duty was very much appreciated"* (Dok IX -1). Irid jinghad fuq kollox illi l-ittra kienet intenzjonata li ticcirkola internament fi hdan il-Kumpanija u mhux barra. Meta tpoggi dan kollu fuq keffa wahda tal-mizien u l-infrazzjoni fuq il-keffa l-ohra bilfors tasal ghal konkluzjoni li l-gravita ta' din l-infrazzjoni tiehu sura differenti. Steven D Anderman fil-ktieb *"The Law of Unfair Dismissal" Butterworth's 3rd edition* f`pagna 143 dwar il-piz ta' l-attenwanti f'kazijiet

simili jghid teslwalment *"Any important circumstance that mitigates the fault of the employee or otherwise calls into question the wisdom of dismissal should be taken into account in any reasonable decision to dismiss: for example, an employee's past record of good service, an explanation or excuse, provocation or inadvertance, a lowering of standards induced by the employment setting or the extent to which management by its own action or inaction was itself partly to blame for the employee's alleged deficiencies."*

It-Tribunal ma jistghax ma jikkummentax fuq il-process dixxiplinarju li gie applikat qabel ma l-Appellant instab hati. Dan it-Tribunal ga kellu okkazjoni jikkritika l-mod kif isir il-process dixxiplinarju f' din il-Kumpanija (ara Decizjoni numru 1910). Bhal fil-kaz imsemmi anke f' dan il-kaz l-ETC kienet avzata li l-Appellant kien gie licenzjat propju jumejn qabel ma giet mibghuta lilu ittra b'appuntament ghas-smiegh ta' l-appell. L-uzanza li tittiehed decizjoni definittiva dwar tkeccija u tigi registrata ufficcjalment **qabel** ma jkun konkluz il-process jimmina l-integrita tal-istess process dixxiplinarju u jistultifika l-procedura ta' l-appell.

**<u>4. Decizjoni</u>**

It-Tribunal Industrijali jsib li l-licenzjament ta' l-Appellant Ian Xuereb minn mal-Kumpanija Appellata Maltapost plc ma kienitx ghal raguni gusta u suficcjenti. Wara li ra l-Artikolu 81(1) tal-Kap 452 jordna li Ian Xuereb ghandu mhux iktar tard mit-23 ta' Frar, 2009 jerga' jiddahhal fl-impieg li kellu bl-istess kundizzjonijiet. Jordna wkoll illi sa l-ahhar ta' Frar 2009 tithallas lilu somma ekwivalenti ghal nofs il-paga tieghu ghal perijodu kollu bejn l-1 ta' Gunju 2008 u l-jum li fih jerga jiddahhal ghax-xoghol. Dan il-perijodu ghandu jitqies bhallikieku kien sospiz b'nofs paga u ma

ghandux ikollu effett negattiv fuq is-*seniority* tieghu kif ukoll ma jinterrompix il-*continuity of service* tieghu.

B 'hekk jintemm dan il-Kaz.

**<u>5. Drittijiet</u>**

Ai termini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed.**”**

l-socjeta` intimata appellat minn din is-sentenza bl-ilmenti f’dawn it-termini:-

(1) It-Tribunal naqas li japprofondixxi sew legalment kif ukoll fattwalment il-kuncett ta’ “raguni tajba u bizzejjed” prevvist mill-Artikolu 36 (14) tal-Kapitolu 452;

(2) It-Tribunal naqas b’mod serju li jaghti l-apprezzament dovut ghal portata tal-kondotta ammessa, u mhux kontraddetta, ta’ l-appellat u li japprezza l-gravita` ta’ l-offiza. F’dan il-kuntest is-socjeta` appellanti tirreferi ghal falsifikazzjoni ta’ dokument mghoddi bhala ittra minghand klijent u ghal dikjarazzjoni falza li l-appellat ghamel lis-CEO fil-kors ta’ l-investigazzjoni;

(3) It-Tribunal ghamel kummenti dwar il-process dixxiplinarju u dan juri element ta’ inkwinament fil-process evalwattiv;

(4) Ir-ri-inseriment ta’ l-appellat fl-impjieg mhix konformi ghad-dispost ta’ l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 452 li jipprovdi li r-r-ri-impjieg ma jistax jigi ordnat fejn dan ikun jaqdi inkarigu li trid fiducja specjali riposta fih;

Il-Qorti behsiebha tezamina *seriatim* dawn l-ilmenti, tenut in mira wkoll l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-appellat ta’ inammissibilita` ta’ l-appell in kwantu mhux bazat fuq

dak il-“punt ta’ ligi” a sensu ta’ l-Artikolu 82 (3) tal-Kapitolu 452;

In mertu ghall-kuncett tal-kawza gusta ghar-rizoluzzjoni tar-rapport tax-xoghol din il-Qorti kellha aktar minn okkazjoni wahda tesprimi ruhha bil-mod illustrat hawn taht:-

(1) Il-kuncett “hu ravvizat f’dawk il-fatti u komportamenti li jwasslu ghat-telf ta’ fiducja in kwantu din tikkostitwixxi l-presuppost essenzjali ta’ rapport bhal dan. Il-kawza gusta trid allura tirrivesti l-karattru ta’ nuqqasijiet gravi f’dan l-istess rapport. Il-valutazzjoni dwarha trid tigi operata b’riferiment ghall-aspetti konkreti tal-kaz, il-portata soggettiva u oggettiva tal-fatt innifsu, il-motiv ta’ l-element intenzjonali u kull aspett iehor korrelatat ma’ l-elementi tar-rapport” (“**Anthony Pullicino -vs- Devlands Ltd**”, 28 ta’ Frar, 2008);

(2) “Ragonevolment, l-accertament ta’ dawk l-elementi ta’ fatt li jintegraw il-parametru normattiv ta’ l-espressjoni suddetta (“ir-raguni tajba u bizzejjed”) hu mqieghed fuq il-pjan tal-gudizzju ta’ fatt u tali, fil-limiti stretti ghal liema hu akkordat appell lil din il-Qorti skond l-Artikolu 82 (3) ta’ l-Att, hu incensurabbli quddiem Qorti ta’ revizjoni, ammenokke ma jigix riskontrat illi l-motivazzjoni tas-sentenza hi affetta minn zbalji logici-guridici” (“**Anthony Walker -vs- Foster Clark Products Ltd**”, 30 ta’ April, 2008 u “**Anabelle Cumbo -vs- Float Glass Ltd**”, 3 ta’ Ottubru, 2008);

(3) “Naturalment, kull kaz irid jigi konsiderat fuq l-istregwa tal-fattezzi specifici tieghu. L-importanti hu li l-valutazzjoni okkorrenti ma ghandhiex issir b’riferiment ghall-fatti astrattament konsiderati imma, pjuttost, ghall-aspetti konkreti, skond in-natura tar-rapport ta’ impjieg, il-posizzjoni tal-partijiet, il-portata soggettiva tal-fatt innifsu u tac-cirkostanzi li taw lok ghalih, il-motivi, l-ezistenza ta’ xi element intenzjonali jew kolpuz u dak tal-grad tieghu, u in generali kull aspett iehor korrelatat mar-rapport. Barra minn dan jokkorri li jigi evalwat minn naha l-wahda l-

gravita` tal-fatt addebitat lill-impjegat u, minn naha l-ohra, il-proporzjonalita` bejn l-istess fatt u s-sanzjoni dixxiplinarja inflitta" ("**Joseph Mercieca -vs- Water Services Corportation**", 27 ta' Frar, 2009);

L-iskop ghar-riproduzzjoni ta' dawn is-siltiet hu dak li jigi puntwalizzat illi r-ricerka u verifika tal-kuncett jimporta essenzjalment:

(i) gudizzju ta' fatt;
(ii) rizervat lit-Tribunal adit fil-mertu;
(iii) insindakabbli minn din il-Qorti;

anke fejn l-appellant jittanta jiccensura dak il-gudizzju fattwali taht il-pretest ta' "punt ta' ligi" li, konkretament, ma jezistix;

Il-Qorti irriezaminat il-fatti tal-kawza u r-ragonament tat-Tribunal fis-sentenza appellata u tista' tghid illi hi l-ferma konsiderazzjoni taghha illi, fil-kumpless, it-Tribunal ma naqasx milli sew u korrettement jinterpreta l-espressjoni tal-ligi "tar-raguni tajba u bizzejjed" fil-kwadru tal-fatti li kellu quddiemu. Sostanzjalment, huwa ddetermina li l-appellat kien impjegat iddedikat ghal xoghlu b'rekord impekabbli u li l-ittra li nkitbet, anke jekk serja fiha nfisha, ma saretx b'animu illecitu izda bl-intenzjoni li l-qaghda interna fl-azjenda titranga ruhha. Kien fuq il-bazi ta' dawn id-deduzzjonijiet illi t-Tribunal irraguna li ma nzammx il-principju tal-proporzjonalita` bejn l-addebitu u s-sanzjoni komminata mill-kumpanija. "Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mal-ghalzla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita` tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita` taghha soggettiva u oggettiva" ("**Charlot Scerri -vs- ST Microelectronics (Malta) Ltd**", Appell Inferjuri, 1 ta' Marzu, 2006);

Is-socjeta` appellanti ghal fini li tillustra l-imgieba illecita ta' l-appellat tissottometti illi dan l-impjegat taghha rrikorra ghal falsitajiet, sew dokumentali u dikjarattivi. Dan, is-socjeta` appellanti taghmlu biex taccentwa l-punt illi l-appellat la kien integru u lanqas affidabbli, u li tali

konsiderazzjoni sfuggiet lit-Tribunal. Ma' din is-sottomissjoni din il-Qorti ma taqbelx;

Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Alfredo Mifsud -vs- Gaetano Azzopardi**", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Gunju, 1949 illi "l-kelma 'falz', tfisser, fis-sinjifikat estiz taghha, kwalunkwe soppressjoni, mutazzjoni, jew alterazzjoni tal-veru, ottenuti bi kwalsiasi mezz", u li mill-ottika tad-dritt civili, "huwa bizzejjed l-element oggettiv tal-falsita` indipendentement mill-volonta` ta' l-agent". Fil-kaz in ezami ma tezisti ebda falsita` fis-sens ta' mutament materjali ta' xi att li kien jezisti. Ammess mill-appellat li kienet miktuba minnu, l-ittra, ghalkemm kundannabbli *in se*, ma kellhiex, oggettivament, l-ingredjent tal-falz fis-sens tat-tifsira moghtija fil-precitata sentenza. Fundamentalment, imbaghad, il-gudizzju tat-Tribunal dwarha ma kienx lanqas dak assunt mis-socjeta` appellanti in kwantu ghalih il-komposizzjoni ta' dik l-ittra, anke jekk sottoskritta b'isem fittizju, ma kienetx dik li tnissel qerq izda li l-affarijiet jimmeljoraw ruhhom f'dawk ic-cirkustanzi fejn l-appellat jkun assenti u x-xoghol ikollu jsir minn persuna li hi illitterata. Qaghda din li skond ir-rizultanzi probatorji hi wkoll konfessata minn certa xhieda. Ara deposizzjonijiet ta' Emanuel Conti a fol. 210 u ta' Pierre Montebello, Chief Mails and Systems mas-socjeta` appellanti; a fol. 227 *et sequitur*;

B'introduzzjoni ghat-tielet ilment din il-Qorti tibda biex tirriproduci dan l-estratt: "m'hemmx dubbju illi l-adozzjoni ta' sanzjoni dixxiplinarja, kompriza wahda ta' licenzjament ta' l-impjegat hi mhollija dejjem fil-potesta diskrezzjonali ta' min ihaddem. B'daqshekk ma jfisserx illi dik id-diskrezzjoni tieghu ma tistax tigi attakkata jekk jinstab illi l-mekkanizmu procedimentali intern, ikkontemplat bil-Ftehim Kollettiv, ma giex konsegwit jew, altrimenti, sodisfatt." ("**Joseph Silvio -vs- Corinthia Palace Hotel Co. Ltd**", Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009). In tema imbaghad, ghall-obbjettiv ta' l-ilmenti, din il-Qorti tara li jkun utli li tirreplika s-segwenti: "Frankament, din il-Qorti ma ssib xejn inkongruwu jew illogiku illi t-Tribunal ghogbu

jissofferma fuq dan il-punt u li jikkontrasta b'kummenti approprijati lis-socjetajiet appellanti l-mod xejn legittimu li bih ipprocedew ghal-licenzjament ta' l-appellata, u tal-konsegwenzi ta' dak l-istess procediment fir-raffront tad-drittijiet u ta' l-interessi ta' l-impjegata." ("**Joan Montanaro -vs- BayStreet Hotel Complex Ltd *et***", Appell Inferjuri,13 ta' Marzu, 2009);

Fil-verita` l-Qorti ma tara xejn inkongruwu illi t-Tribunal jikkummenta anke f'dan il-kaz illi l-kumpanija appellanti, sa minn qabel il-konkluzjoni tal-procediment intern dixxiplinarju, infrangiet id-drittijiet difensjonali ta' l-appellat meta ddecediet b'mod definittiv u finali l-kolpa ta' l-impjegat u ghaddiet biex tinforma lill-ETC bit-tkeccija tieghu. B'daqshekk ma jigix illi ghandha mir-raguni l-asserzjoni tas-socjeta` appellanti illi ghall-kumment hekk maghmul mit-Tribunal kien jezisti element ta' inkwinament fil-process valutattiv. Tali konkluzjoni hi nieqsa minn kull fondament u, ghal gratuwita taghha, qajla tista' tirciev i favur;

Innegabilment, imbaghad, l-ahhar ilment tas-socjeta` appellanti hu wiehed ghal kollox fallaci guridikament. Il-kariga ta' l-appellat ma kienetx tirrientra fil-klassifika ta' dik il-kariga amministrattiva jew ezekuttiva li tirrikjedi "fiducja specjali" in referenza ghal dak dispost fil-proviso ghall-Artikolu 81 tal-Kapitolu 452. Pjuttost, il-kontra hu l-kaz. Sew bhala klassifika, sew bhala mansjoni ordinarja, xoghol l-appellat kien dak ta' *postal operator* u skond l-ordni gerarkiku fi hdan il-kumpanija tali mansjoni kienet wahda subordinata u ta' dipendenza ghal superjuri ohra. Fiz-zgur, la kienet amministrattiva u lanqas ezekuttiva u dan igib illi l-ordni mit-Tribunal ta' ri-inseriment ta' l-appellat fl-impjieg tibqa' wahda legalment gustifikata.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tirrespingi l-ilmenti kollha dedotti bl-appell u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali, bl-ispejjez jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------